MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru. 191/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**Spettur Kevin Farrugia**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat omissis gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F`omissis u fi bnadi ohra f`dawn il-gzejjer, fis-7 ta` Frar, 2003 u fix-xhur ta` qabel, b`diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` omissis, minorenni ta` ghaxar snin.

2. B`ghemil zieni ikkorrompa lill-istess omissis, minorenni ta` ghaxar snin.

3. Ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-istess omissis, minorenni ta` ghaxar snin.

4. Bla ordni skond il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess omissis kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

5. Talli huwa kkommetta delitt li ghalih hemm piena ta` prigunerija fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza datata 22/01/2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Marzu 2004 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 198, 203, 207, 86, 87 u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2005 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat li permezz ta’ digriet tal-20 ta’ Frar 2003 din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat id-divjiet tal-publikazzjoni fuq kull mezz ta’ komunikazzjoni ta’ isem u kunjom u kull partikolarita’ ohra kemm tal-akkuzat kif ukoll tal-minuri u tal-ismijiet tal-persuni kollha nvoluti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-espert psikjatra Dr. Peter Muscat li kien gie nominat permezz ta' digiret tal-1 ta' Frar 2006 bhala espert psikjatra sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-imputat u jara jekk ghandux il-fakultajiet mentali ta' intendere u volere.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat stupru vjolenti, korruzzjoni ta' minorenni, attentat tal-pudur u arrest illegali tal-minorenni omissis minuri ta' ghaxar snin. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat kien is-sieheb ta' omissis, omm omissis u kien jghix fir-residenza tal-imsemmija omissis fejn kienet tghix ukoll it-tifla ta' din tal-ahhar, omissis, kif ukoll zewgt itfal ohra li omissis kellha minghand l-imputat. Mix-xhieda tas-*social worker* omissis (xhieda relattiva inserita a fol. 59 sa 62 tal-process) jirrizulta li sa minn Ottubru 2002 omissis kienet ilha tipprova ssib l-ghajnuna billi ccempel fuq il-*helpline* tal-Appogg u billi tkellem lill-ghalliem tal-PSD u anki lil *headmistress* tal-iskola. Is-*social workers* tal-Agenzija Appogg kellmu lit-tifla fis-7 ta' Frar 2003 fejn din qaltilhom li kienet qed tigi abbuzata sesswalment mis-sieheb ta 'ommha, u cioe' l-imputat omissis. Wara li s-*social workers* tal-Agenzija Appogg kellmu lit-tifla, il-kaz gie riferut lil Pulizija, inhareg *care order* in kwantu jirrigwarda t-tifla li mbaghad marret tghix f'omissis. Hija giet ezaminata mill-pedjatra Dr. Mariella Mangion u sarilha wkoll ezami ginekologiku mill-istess Dr. Mariella Mangion u minn Dr. Carmen Portelli.

Il-minuri omissis xehdet fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2003 fejn spjegat li l-imputat li kien is-sieheb t'ommha u li kien gie jghix fid-dar taghhom meta hija kellha madwar erba' snin, kien jabbuza minnha sesswalment. Hija spjegat li l-incidenti bdew isehhu meta hija kellha sitt snin u tghid li ghall-ewwel l-imputat kien biss jghajjarha u isawwatha u

jweggaggha izda mbaghad beda jmiss il-parti genitali taghha kemm minn fuq il-hwejjeg kif ukoll minn taht il-hwejjeg u mbaghad beda jgeghlha tmiss il-parti genitali tieghu u timmasturbah, imbaghad beda jdahhal subghajh fil-parti genitali taghha u mbaghad beda jpoggi l-parti genitali tieghu mal-parti genitali taghha u jipprova jippentraha izda t-tifla tghid li hija kienet izzomm sod u huwa ghalhekk ma kienx jirnexxielu. It-tifla tghid ukoll li l-imputat kien ipoggi l-parti genitali tieghu f'halqha u jegakula u kien igeghlha tara films pornografici mieghu u tispjega li hafna minn dawn l-incidenti ta' abbuz kienu jsehhu waqt jew wara li l-imputat ikun ra dawn il-films pornografici. omissis tghid li meta l-imputat ma kienx irnexxielu jippentraha minn quddiem kien prova jdahhal il-parti genitali tieghu minn wara. Hija spjegat li dan l-abbuz kien isir ta' spiss u tindika frekwenza ta' madwar sitt darbiet fil-gimgha. It-tifla spjegat li hija kienet pruvat tghid lil ommha dwar dak li kien qed jigri izda ommha ma tatx kasha u donnha emnet lill-imputat. Hija spjegat ukoll li kienet tghid lill-imputat li ma rieditx li jaghmel dawk l-affarijiet izda tispjega li jekk ma kienitx thallih kienet tispicca taqla xi xeba. Il-minuri spjegat inoltre li hija fitxet l-ghajnuna ghaliex ma setghatx tissaporti aktar f'din is-sitwazzjoni u riedet titlaq mid-dar ta' ommha u tal-imputat.

Meta xehdet il-pedjatra Dr. Mariella Mangion fis-seduti tad-19 ta' Settembru 2003 u fit-13 ta' Far 2004 din spjegat li meta ezaminat lit-tifla sabet hafna scars taht il-gilda u qalet li omissis kienet qaltilha li dawn kien jaghmilhomlha l-imputat meta jsawwwatha, sabitilha wkoll sinna miksura u anki f'dan il-kaz it-tifla qaltilha li dan il-ksur kien gie kagunat mill-imputat, kif ukoll kellha xi tbengil fuq kuxtejha u fuq irkoppitha. Dr. Mangion qalet ukoll li mill-ezami ginekologiku tat-tifla irrizutla li l-*hymen* kien ghadu intatt izda madwar il-*hymen* kien hemm hafna hmura, irritazzjoni u qasma zghira li kienet konsistenti f'*fisher* li fieq izda halla l-iscar.  Hija qalet ukoll li ezatt barra l-*hymen*, fl-area msejjha bhal *posterial forcet* kien hemm '*a pale area of scarring'*. Dr. Mariella Mangion qalet hekk dwar dawn ir-rizultanzi tal-ezami ginekologiku:-

*"L-interpretazzjoni ta' dawn il-findings hija illi la darba l-hymen kienet intatta ma kienx hemm vaginal penetration. Dwar il-hmura u l-fishers li semmejt dawn nassocjawhom kemm ma' penal penetration kif ukoll ma' digital penetration. Dwar il-posterial forcet scarring huwa aktar assocjat ma penal penetration ghaliex tkun qed tiggebbed il-gilda, allura nassocjawha ma' rubbing the penis against the thighs. Dwar il-forcet the area was probably stretched due to penal impingement, the penis stretching onto the skin."*

L-imputat irrilaxxja stqarrija fid-19 ta' Frar 2003 (inserita a fol. 105 sa 108 tal-process) fejn huwa spjega li kien ilu seba' snin jghix ma' omissis, omm omissis, u fejn huwa ammetta li gieli ra xi videos pornografici fil-prezenza ta' omissis li kienet it-tifla tas-siehba tieghu. Huwa ammetta wkoll li gieli ghajjar lil omissis u li gieli anki waddbilha xi affarijiet bhal xi mug izda qal li dan ma kienx jaghmlu sabiex iweggaghha. Huwa ammetta wkoll li kien hemm okkazzjoni fejn waqt li kien qed jara film pornografiku mal-minuri kien wrieha il-parti genitali tieghu u kien talabha tmisslu l-parti genitali tieghu u timmasturbah. Huwa jghid li mbaghad kien pogga l-parti genitali tieghu mal-parti genitali tat-tifla izda bilkemm kien hemm penetrazzjoni ghaliex il-parti genitali tat-tifla kienet zghira. Huwa jghid li dan l-incident gara madawar tmien xhur qabel ma rrilaxja l-istqarrija u qal li dakinhar kien ukoll dahhal is-swaba tieghu fil-parti genitali tat-tifla u kien anki dahhal il-parti genitali tieghu fil-warrani tat-tifla. Izda innega li kien hemm okkazjonijiet fejn dahhal il-parti genitali tieghu f'halq it-tifla. Huwa qal ukoll li gieli prova jbus lit-tifla izda din kienet iddawwar wiccha. L-imputat qal ukoll li kien jiddispjacih ghal dak li kien gara u li kien jaf li huwa kontra l-Ligi li tabbuza minn tfal ta' taht l-eta'.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kontemplat fl-Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien hati ta' dan ir-reat. Mix-xhieda ta'

omissis fil-fatt jirrizulta li l-imputat kien ipoggi l-parti genitali tieghu mal-parti genitali taghha u anki fil-parti ta' wara. L-imputat stess fl-istqarrija jammetti li huwa kien ghamel dan u jghid li l-penetrazzjoni kienet minima minhabba l-fatt li l-parti genitali tat-tifla kienet zghira. Ir-rizultanzi tal-ezami ginekologiku spjegati aktar 'il fuq jikkorroboraw pjenament dak li qalet il-minuri. Id-Difiza qed tipprova targumenta li dan ir-reat ma jistax jitqies li jissussisti stante li mix-xhieda ta' Dr. Mariella Mangion jirrizulta li l-*hymen* kien intatt u li ghalhekk ma kienx hemm penetrazzjoni. Il-Qorti izda jidrilha li mix-xhieda ta' Dr. Mangion jirrizulta li seta' kien hemm bidu ta' penetrazzjoni, kif del resto jirrizulta mix-xhieda tal-minuri u ex admissi minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. F'dan ir-rigward il-Qrati taghna dejjem irritenew li sabiex jitqies li jkun hemm stupru vjolenti mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti sabiex jissussisti r-reat ta' stupru vjolenti (ara fir-rigward sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali sede inferjuri tal-4 ta' Settembru 2003 (appell numru 51/2003). Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz odjern irrizulta ampjament pruvat li kien hemm dan l-icken bidu ta' konnessjoni karnali u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tar-reat ta' stupru vjolenti li bih qed jigi akkuzat permezz tal-ewwel imputazzjoni.

Illi permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat bil-korruzzjoni tal-minorenni omissis, u cioe' bir-reat kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jitkellem dwar kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna ta' taht l-eta' u s-subartikolu (1) jelenka ic-cirkostanzi aggravanti ta' dan ir-reat u cioe:-

a. Jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m' ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;

b. Jekk d-delitt isir b' theddid jew b' qerq ;

c. Jekk d-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi

zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

Kif gie enuncjat fis-sentenza deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar 1975** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Portelli**, il-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-prezenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** li tghid:

"*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*
*Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.*"

Issa fil-kaz odjern irrizultaw sensiela interminabbli ta' atti libidinuzi bhal sess orali, tbaghbis tal-parti privata tal-minuri, l-fatt li l-imputat kien igieghel lil minuri tara films pornografici. Dawn l-atti libidinuzi jirrizulta li saru fuq medda ta' snin, ghalkemm l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni li sehhew kollha f'okkazzjoni wahda. Il-Qorti izda m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tal-minuri fir-rigward. Din fil-fatt tindika li dawn l-incidenti kienu jsehhu kwazi ta' kuljum ghaliex isemmi incidenza ta' sitt darbiet fil-gimgha. Din l-akkuza ghalhekk ukoll tirrizulta

pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li zgur ma jistax ikun hemm dubju li l-minuri setghat giet korrotta b'dawn il-varji atti libidinuzi kommessi mill-imputat fuq medda ta' snin.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tielet akkuza addebitata lill-imputat, u cioe' dik ta' attentat ghal pudur bi vjolenza kif kontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti jidrilha li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni akkuza u una volta li l-imputat diga; nstab hati tal-ewwel u t-tieni akkuza hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-agravanti kontemplat fl-Artikolu 87(g). L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:

*'Kull min, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, l-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija, minn xahar sa tliet xhur jew il-multa'.*

L-elementi ta' dan ir-reat huma tnejn, li min jeffetwa l-arrest ma jkollux ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u li jkun hemm sekwestru li jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-elementi tas-sekwestru jinkludi it-tehid jew trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u l-kelma sekwestru fl-Artikolu 85 ghandha tinftiehem fil-kuntest li jkun hemm sekwestru meta bniedem jigi privat mid-dritt tal-moviment liberu. F'dan ir-rigward **Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa

identiku ghall-Artikolu 86 misjub fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghna  fol. 112 para 78 Vol. 11 billi jghid is-segwenti:-

Il sequestro richiede che la privazione della lliberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilta' di scampo o di soccorso".

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86. Huwa minnu li omissis tghid li ma kienitx tkun trid tippartecipa fl-atti ta' libidini effetwati mill-imputat izda dawn se mai huma elementi tar-reat ta' stupru vjolenti jew dak ta' korruzzjoni ta' minorenni izda mhux tar-reat ta' arrest illegali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2006 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Denis Pandolfino et' fejn f'cirkostanzi simili bhal dawk fil-kaz odjern il-Qorti Kriminali idecidiet li ma kienx gie pruvat li kien jirrizulta r-reat ta' arrest illegali.

Ikkunsidrat:

In kwantu jirrigwarda l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat din tirrizulta wkoll ampjament pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi stante li giet prezentata is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (inserita a fol. 65 sa 68 tal-process) deciza fit-22 ta' Jannar 2003 fejn l-imputat gie kkundannat sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin minn dik id-data. L-akkuzi odjerni jirrigwardaw is-7 ta' Frar 2003 u x-xhur ta' qabel u gie ghalhekk pruvat li l-imputat ikkommetta reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u li huwa inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu izda naqas milli jaghmel dan izda primarjament ikkunsidrat li l-agir tal-imputat huwa verament wiehed ta' stmerrija u l-Qorti jidrilha li dan l-agir

ghandu jigi kkundannat bl-akbar severita' anki minhabba t-trawma permanenti li tali agir zgur halla fuq il-vittma.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 17, 28A sa 28H, 198 u 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' seba' (7) snin. Wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Dennis Theuma, Spettur Simon Galea) vs Omissis' moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-22 ta Jannar 2003, tigi reza operattiva sabiex b'hekk l-imputat ghandu jaghmel perijodu globali ta **disa' (9) snin prigunerija**.

Ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza u inoltre tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub l-ispejjes ammontanti ghas-somma ta' l-ekwivalenti f'Ewro ta' mija u ghaxar liri (Lm110) konnessi mal-hatra tal-espert psikjatra Dr. Peter Muscat.

Il-Qorti inoltre tordna li isem il-vittma, kif ukoll isem ommha u isem l-imputat m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir, karta stampata jew kwalunkwe mezz iehor ta' komunikazzjoni u dan purament fl-interess tal-vittma in kwantu l-imputat ghamel zmien twil jghix ma' omm il-vittma bhala s-sieheb taghha u ghalhekk tista' ssir il-konnessjoni bejn il-vittma u l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------